MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 2222/2003

**Donatella Spiteri**

**vs**

**Albert Grima.**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li kien gie prezentat fl-4 ta Novembru 2003 fejn l-attrici talbet li tithallas mill-konvenut is-somma ta hames mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm525) fl-imkien ma l-imghax relattiv rapprezentanti self brevi manu li hija kienet ghaddietlu kif konfermat minn skrittura privata ffirmata mill-istess konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 24 ta Frar 2004 fejn eccepixxa li ma ghandu jaghti xejn in vista tal-fatt li parti mis-somma kienet giet imhallsa lura u fuq il-parti l-ohra ghandha ssir tpacija permezz ta oggetti moghtija lilha

minnu tul il-kors tar-relazzjoni li kien hemm bejniethom. Bl-ispejjes kontra l-attrici.

Ra x-xhieda tal-attrici u d-dokument minnha esebit a fol 18 tal-process markat Dok DS1 u kif ukoll ix-xhieda tal-ġenituri tal-istess attrici.

Ra n-nota ta ammissjoni prezentata mill-konvenut, prezenti fl-Awla fis-seduta tal-5 ta Ottubru 2005.

In vista tal-ammissjoni prezentata mill-konvenut u wara li rat il-provi mressqa mill-istess attrici, it-Tribunal ghal dawn il-mottivi jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jichad l-eccezzjonijiet tal-istess konvenut, jilqa t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma mitluba ta hames mija u hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm525) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-30 ta Dicembru 2003 u bl-ispejjes kollha kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------